MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 116/2004

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Brian Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Brian Caruana ta’ 29 sena bin Frans u Carmen nee’ Fenech, imwieled Pieta’, nhar it-02 ta’ Jannar 1975, residenti fil-fond numru 1, Sqaq St. Antnin, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 58575(M),

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta’ Frar, 2004, u l-erbgha xhur ta’ qabel gol-Msida, u fi bandi ohra f’Malta f’hinijiet differenti,

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

f) Ukoll talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

g) U akkuzat ukoll talli kkometta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-parijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn:

1. Waqt investigazzjoni li l-Pulizija kienet qed taghmel f’kaz ta’ mewt ta’ persuna, Reuben Vella, il-Pulizija investigat lil certu Duncan Sciberras, guvni ta’ sittax (16)-il sena, fejn fil-kors tal-istqarrija tieghu semma li huwa kien jixtri d-droga eroina minghand l-imputat, li kien ibiegh din id-droga.
2. Duncan Sciberras ikkonferma l-istqarrija tieghu quddiem magistrat.
3. Il-Pulizija arrestat lill-imputat u ghamlet tfittxija fid-dar tieghu fejn instabu affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien jabbuza mid-droga, pero cahad li kien ibiegh id-droga.
5. Il-gurnata ta’ wara li gie arrestat l-imputat saret *Identification Parade* fil-prezenza ta’ magistrat, fejn Duncan Sciberras identifika lill-imputat fiz-zewg *line-ups* li saru. Il-*proces verbal* ta’ din l-*Identification Parade* ghal xi raguni ma giex anness ma’ dawn il-proceduri.
6. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid li hu mhux talli qatt ma biegh droga lil Duncan Sciberras jew lil haddiehor, imma huwa kien jixtri d-droga eroina minghand l-istess Duncan Sciberras.[1]

[1] Ara xhieda tal-imputat a fol. 160 tal-process.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh esklussivament fuq ix-xhieda guramentata ta’ Duncan Sciberras u x-xhieda li Duncan Sciberras ta quddiem din il-Qorti. Min-naha l-ohra, id-difiza tal-imputat tistrieh fuq ix-xhieda tieghu stess. Ghalhekk, id-determinazzjoni ta’ dan il-kaz tirrivolvi dwar il-kredibilita ta’ dawn iz-zewg ix-xhieda, li taw verzjonijiet kontrastanti tal-fatti.

Duncan Sciberras irrilaxxa zewg stqarrijiet, pero mill-*proces verbal* ezebit,[2] jidher li ghalkemm iz-zewg stqarrijiet gew ezebiti, t-tieni stqarrija tieghu biss giet guramentata. Fl-ewwel stqarrija tieghu, Sciberras jghid li kien ilu jaf lill-imputat sitt (6) xhur u kien jixtri l-eroina minghandu. Qal ukoll li anki Reuben (Vella) gieli xtara minghandu. Qal li jixtri minghand l-imputat qisu tlett (3) darbiet fil-gimgha, u jixtri qisu tlett (3) pakketti kull darba. Sciberras jghid hekk: *“Meta nkunu hafna nies mmur nixtri jien minghandu, u l-aktar li gibt kienu 5 pakketti. Nghid li jien kull pakkett li nixtri nhallas LM5.00 ghalih, fil-waqt li lil shabi dawn il-pakketti inbieghhomlom LM10.00-il wiehed. Minnhom jien inaqqar ftit ghalija, wkoll Brian jtieni naqra b’xejn, cioe nofs pakkett.”*[3]

Iktar tard fl-istess gurnata, Sciberras irrilaxxa t-tieni stqarrija tieghu, li giet guramentata, fejn qal li qed jaghmilha *“sabiex nghid il-verita kollha.”*[4] Jghid li kien Reuben li laqqghu mal-imputat, ghax Reuben kien jaf lill-imputat qabel. Kienu jiltaqghu mal-imputat il-White Arrow, l-Imsida. Hu u Reuben ghall-ewwel kienu jixtru b’LM10-il wiehed qisu erba’ darbiet fil-gimgha. Sciberras imbaghad jghid li baqa’ jiltaqa’ mal-imputat wahdu magemb il-White Arrow *“u kont mmur kuljum. Dak iz-zmien kont bdejt nixtri pakkett u nofs kuljum, jigifieri xorta kont intieh ghaxar liri (Lm10.00). Bdejt niltaqa’ ma shabi hux, u biex ma mmorrux kollha kont bdejt immur jien ngib. U kont nixtri hames pakketti bit-tletin (Lm30.00) u shabi xorta kienu jtuni Lm10.00-il wiehed, u jien kien jkolli ghoxrin lira ghalija.”*[5] Ghalhekk, skont din il-versjoni, ladarba Sciberras kien jixtri hames (5) pakketti bit-tletin Lira (Lm30.00), dan ifisser li l-imputat allegatament kien ibieghhomlu bis-Lm6.00 kull pakkett.

Sciberras jghid li dak iz-zmien kien juza pakkett u nofs eroina kuljum, u lill-imputat kien ihallsu bil-flus li jkun qala’ mill-gurnata ta’ qabel minn fuq shabu. Jghid li beda jgib il-pakketti lil shabu minn meta sar jaf lill-imputat. Meta gie mistoqsi mill-ufficjal investigatur kif l-imputat kien qed ibieghlu

---

[2] A fol. 34 *et seq.* tal-process.
[3] Ara stqarrija ta’ Duncan Sciberras a fol. 40 tal-process.
[4] Ara stqarrija ta’ Duncan Sciberras a fol. 42 tal-process.
[5] Ara stqarrija ta’ Duncan Sciberras a fol. 43 tal-process.

pakkett u nofs eroina bil-prezz ta' LM10.00, Sciberras wiegeb *"Ghax kont nixtri hafna minghandu, kont nixtri kuljum minghandu."*[6]

Il-Qorti diga tinnota numru ta' diskrepanzi bejn l-ewwel u t-tieni stqarrija ta' Sciberras:

1. Filwaqt li fl-ewwel stqarrija jghid li kien jixtri minghand l-imputat circa tlett pakketti tlett darbiet fil-gimgha, fit-tieni stqarrija jghid li kien jixtri minghand l-imputat kuljum.
2. Filwaqt li fl-ewwel stqarrija jghid li meta kien jixtri ghal shabu, l-imputat kien izommlu Lm5.00 kull pakkett, fit-tieni stqarrija jghid li meta jixtri ghal shabu, l-imputat kien izommlu Lm6.00 kull pakkett – u dan meta skont ix-xhieda tal-istess Sciberras, hu kien jixtri aktar.

Qabel ma ikkonferma t-tieni stqarrija tieghu bil-gurament, Duncan Sciberras xehed ukoll quddiem il-Magistrat Inkwerenti. F'din ix-xhieda, huwa jghid li huwa kien jaghmel il-qliegh minn fuq id-droga li jbiegh lil shabu, ghax l-imputat ta' tliet pakketti, minflok tletin lira kien ihallihomlu hmistax.[7] Dan ifisser li skont Sciberras, l-imputat kien ibieghlu l-pakketti bil-Lm5.00-il wiehed. Jghid ukoll li ghall-ewwel kien jixtri pakkett ghalih, imma imbaghad *"bdejt niehu tnejn u nofs, tlieta."*[8]

Il-Qorti tinnota wkoll diskrepanzi bejn din ix-xhieda li Duncan Sciberras ta lill-Magistrat Inkwerenti u t-tieni stqarrija tieghu:

1. F'din ix-xhieda, huwa jghid li l-imputat kien izommlu Lm5.00 kull pakkett, meta skont it-tieni stqarrija tieghu l-imputat kien izommlu Lm6.00 kull pakkett. B'hekk rega' lura ghall-ewwel verzjoni li kien ta fl-ewwel stqarrija tieghu.
2. Fit-tieni stqarrija tieghu, l-imputat jghid li ghalih kien jixtri pakkett u nofs, f'din ix-xhieda huwa jghid li kien jiehu zewg pakketti u nofs u anke tlieta kuljum.

Quddiem din il-Qorti, Duncan Sciberras[9] xehed li sitt (6) xhur qabel Reuben laqqghu mal-imputat biex jixtru l-eroina, u dak in-nhar kien xtara pakkett tal-Lm10.00. Huwa baqa' jiltaqa' mieghu fejn il-White Arrow l-Imsida. Xehed li f'dawn l-ahhar sitt (6) xhur kien jiltaqa' mieghu xi tlett darbiet fil-gimgha biex jixtri l-eroina.[10] Xehed li kien jixtri xi tlett (3) pakketti kull darba, u l-imputat kien

[6] Ara stqarrija ta' Duncan Sciberras a fol. 44 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Duncan Sciberras a fol. 49 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Duncan Sciberras a fol. 50 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Duncan Sciberras a fol. 23 *et seq.* tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Duncan Sciberras a fol. 26 tal-process.

ibieghhomlu *“qisu Lm20 jew Lm25”*, u kull meta jixtri b’ammonti jnaqqaslu. Ghalhekk skont din ix-xhieda, l-imputat allegatament kien izomm lil Sciberras circa LM6.00 – Lm7.00 kull pakkett.

Ghat-tielet darba, il-Qorti tosserva li Sciberras rega’ biddel il-versjoni tieghu:

1. Filwaqt li fl-istqarrija guramentata (it-tieni stqarrija) u quddiem il-Magistrat Inkwirenti xehed li kien jixtri kuljum minghand l-imputat, quddiem din il-Qorti xehed li kien jixtri xi tlett darbiet fil-gimgha, u jixtri xi tlett pakketti kull darba – li fil-fatt taqbel mal-versjoni li ta fl-ewwel stqarrija tieghu.
2. Skont il-versjoni li ta lil din il-Qorti, l-imputat kien izommlu bejn Lm6.00 u Lm7.00 kull pakkett. Fit-tieni stqarrija tieghu, Sciberras jghid li hu kien jixtri d-droga Lm6.00 kull pakkett, filwaqt li fl-ewwel stqarrija tieghu u fix-xhieda li ta lill-Magistrat Inkwerenti xehed li kien jixtri d-droga Lm5.00 kull pakkett.

Min-naha l-ohra, l-imputat, kemm fiz-zewg stqarrijiet li rrilaxxa,[11] kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[12] kien dejjem kategoriku li hu qatt ma biegh droga la lil Duncan Sciberras u lanqas lil haddiehor. Pero jammetti li hu kien jabbuza mid-droga ghall-uzu personali.

Jekk wiehed jara r-rizultat tal-affarijiet relatati mad-droga li nstabu fit-tfittxija li saret fid-dar tal-imputat, fir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud,[13] dan l-espert ikkonkluda hekk:

*“a) li ma kien hemm mechanical fit bejn ir-roll tal-foil u l-erba’ bicciet ta’ foil li kien hemm fid-dokument ABV 01;*

*b) li nstabu tracci tas-sustanza Tretrahydrocannabinol (THC) fis-speci tas-sigarett tal-brim li kien hemm fid-dokument 04 ABV 01;*

[11] Ara fol. 10 u fol 14 tal-process.
[12] Ara xhieda tal-imputat a fol. 153 *et seq.* tal-process.
[13] Ezebita bhala Dok MM a fol. 89 tal-process.

*c) li fil-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 04 ABV 01 f'ammont nett totali ta' 0.433 grammi, instabet fiha s-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Din is-sustanza, li tigi mill-pjanta tal-Cannabis … …*

*d) li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca foil irrumblata u go borza tal-plastik li kien hemm fid-dokument 04 ABV 01;*

*e) li nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq l-bicca metal u go erba' boroz tal-plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 04 ABV 01. … …"*

Din id-droga u l-affarijiet relatati maghha li nstabu fid-dar tal-imputat huma kompatibbli ma' uzu personali tad-droga u mhux ta' traffikar, iktar u iktar tat-tip ta' traffikar deskritt mix-xhud Duncan Sciberras. Kieku l-imputat kien jittraffika d-droga eroina, bil-mod kif deskritt minn Sciberras, certament li l-pulizija kienu jsibulu xi pakketti ta' eroina lesti ghall-ispacc, u mhux sempliciment tracci fuq bicca foil wahda u go borza tal-plastic wahda, li hija indikazzjoni li l-imputat abbuza mid-droga eroina – haga li l-imputat dejjem ammetta.

Rigward il-0.433 grammi tar-raza cannabis misjuba ghand l-imputat, kif inhu risaput u notorju f'dan il-qasam, it-*typical single dose* tad-droga cannabis hija ta' 0.2 grammi, u ghalhekk l-ammont ta' raza tal-cannabis li instabet ghand l-imputat huwa kompatibbli ma droga intiza ghal uzu personali.

Fid-dawl tad-diskrepanzi kollha fix-xhieda fuq elenkati tax-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni Duncan Sciberras, u fid-dawl tal-ammont ta' droga u affarijiet relatati maghha misjuba fid-dar tal-imputat, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali, l-imputazzjonijiet tat-traffikar tad-droga u tal-pussess aggravat tad-droga. Pero, l-imputazzjonijiet dwar il-pussess semplici tad-droga eroina u tar-raza tal-cannabis ghall-uzu personali gie ippruvat, apparti li fit-trattazzjoni orali finali, l-abbli difensur tal-imputat iddikjara li l-pussess semplici tad-droga kien qed jigi ammess.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal pussess semplici tad-droga eroina u tar-raza tal-cannabis.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti ikkonsidrat li l-imputat ikkopera mal-pulizija, u fl-ewwel stqarrija tieghu ammetta li kien jabbuza minn dawn is-sustanzi.

Pero l-imputat m'ghandux fedina penali felici. Fil-fatt huwa ghandu tnax (12)-il kundanna minn dawn il-Qrati, il-maggoranza taghhom relatati ma' vjolazzjonijiet tal-ligijiet tas-sewqan tant li nstab hati ta' qtil involontarju ta' persuna. Huwa ghandu wkoll kundanna wahda ta' pussess semplici tad-droga eroina.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid ilu sentejn u nofs *clean* u li kellhom jitilghu rapprezentanti tal-Agenzija Sedqa biex jixhdu dwar dan, pero dawn ix-xhieda qatt ma gew prodotti mid-difiza.[14]

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li ma issibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (e), (f) u (g) fic-citazzjoni u qieghda tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet (c) u (d) fic-citazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2014, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

[14] Ara xhieda tal-imputat a fol. 163 tal-process.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas is-somma ta’ mija u tnejn u sittin Euro u tnejn u disghin centezmu (€162.92), ekwivalenti ghal disa’ u sittin Lira Maltija u erba’ u disghin centezmu (Lm69.94), rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In vista tal-fatt li din il-Qorti ma sabitx htija tal-imputazzjonijiet dwar it-traffikar u pussess aggravat tad-droga, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-hati m’ghandux ihallas ghall-ispejjez tal-espert l-iehor, il-Perit Valerio Schembri.

In oltre il-Qorti qieghda tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------